Malti u xtaq idaħħal fl-Alfabet u fl-ortografija xi għeliem li jagħtihom sura aktar semitika; u min ħares min-naħa ta' l-użu fil-kliem ta' kulljum, u xtaq ineħħi u jbiddel xi ittri u xi għeliem, biex il-lsien malti jieħu xejra aktar ewropea u aktar taqbel mal-kliem kif inhu mlissen mill-Maltin tal-lum.

F'dawn l-aħħar xhur dehru wkoll ħafna artikoli min-nies li jidhru li jafu mhux biss il-bini tal-lsien malti, iżda wkoll ir-rabtiet li hu għandu ma' ilsna oħra ta' ġens wieħed; artikoli sbieħ fihom infushom, u li juru x-xogħol ta' reqqa li wieħed għamel fuq dan is-suġġett, iżda li għal dak li hu tisħiħ inkella tiswija ta' l-alfabet u ta' l-ortografija tal-Malti, ma kellhom u anqas ma sata' jkollhom ebda riżultat prattiku.

Aħna naħsbu illi għal dak li hu meħtieġ u fejjiedi, l-Ortografija tal-'Għaqda' għandha kullma ortografija tajba jista' jkollha; u l-kwistjonijiet li jistgħu jinqalgħu fuq is-sura tagħha ma jkunux ħlief fuq irqaqat ta' studji lingwistiċi li tassew jistgħu juru l-leħħ taddehen, il-medda tar-raj u l-qawwa tal-ħsieb ta' min jagħmilhom, u jgħaxxqu lil min għandu l-ħajra għal-lingwistika, iżda li ma jfejdu xejn għal dak li titlob issura xjentifika iżda f'ħin wieħed prattika ta' l-ortografija ta' lsien mitkellem.

Għalhekk aħna nżommu wkoll illi jekk għada pitgħada l-Gvern ikun irid jamar b'liġi illi din tal-Għaqda tkun l-ortografija għal kull min ikun irid joħroġ ktieb, rivista, ġurnal, eċċ. ikollna ortografija tajba li fil-waqt li taqdi tajjeb biżżejjed il-jedd tal-lsien fis-sura tiegħu semitika, taqdi wkoll lill-ġens malti fix-xejra ewropea li hu ħa ma' tul bosta sekuli fit-tlissin tal-kelma maltija.

U ma jridx wieħed jinsa li fis-sittax-il sena li għaddew mill-ħarġa tat-"Tagħrif" dehru kotba bla għadd għall-iskejjel tal-Gvern u għall-familji miktubin



bl-ortografija tal-Għaqda kif dehret fit-"Tagħrif", u li ma jaqbelx li għal xi rqaqat li m'humiex ta' siwi prattiku, wieħed jitfa' fil ġenb dawk il-kotba biex jibdilhom ma' oħrajn li ma jkollhomx ħlief divrenzji żgħar, li qajla jiswew għan-nies imħarrġin fl-ilsna semitki, u ma jiswew xejn għall-kotra tal-qarrejja u taż-żgħażagħ li jridu jhejju ruħhom għal xi eżami.

Jalla f'dawn il-kwistjonijiet jirbaħ dejjem il-għaqal u d-dehen imwieżen fis-sewwa mill-imħabba tal-Pajjiż fil-ġieħ u fil-ħtiġiet tiegħu.

## Il-Libiena *

Għadda Settembru mċajpar, delli, niedi:
miet Ottubru mirjieħ, berrieqi, msaħħab:
daħal Novembru u ma' Novembru daħlet
safja l-Libiena.

Is-sema raġa', bħalma kien f'Awwissu,
ikħal bla nikta w beda r-raba' jħaddar:
taħt fewġa fietla donnha reġgħet twarrad
rebbiegħa ġdida.

Fil-ġonna, rasha lewn id-deh'b merfugħa,
issaltan il-lelluxa; jfuħ madwarha
il-ward bl-eluf, u l-lwien imżewqa jinsġu
dehriet saħħara.

Iżda mill-knejjes imxerrdin mal-gżira
jibki leħen ta' qniepen; liebsa l-iswed
in-nies fuq l-oqbra tqiegħed dwal u xxerred
tnehid u fjuri,

u bħall-bħur ta' l-inċens it-talb imnikket
jitla' mill-qlub li jafu l-morr tal-firda:
"Agħti l-mistrieħ, Mulej, lil min ħalliena
u d-dawl ta' dejjem."

*

Naħseb: Vistu u lellux... Bejn l-art u s-sema
nistħajjel ġwienaħ ħfief ta' rwieħ jittajru:
taħthom tfewwaħ il-ġonna u fuqhom tidħak
ħelwa l-Libiena.

DUN KARM

* Libiena = is-Sajf ta' San Martin.